REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/999

tat-23 ta' Mejju 2025

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Fit-28 ta' Ġunju 2017, Hydro-X issottomettiet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 ([2]) għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tal-istess prodott bijoċidali uniku, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, imsemmi "Hydrocid 306", tat-tipi ta' prodott 6, 11, 12 u 13, kif deskritti fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-prodott ta' referenza relatat huwa l-prodott bijoċidali uniku "No. 06-06: Preservative 06-06" (Numru tal-awtorizzazzjoni EU-0031652-0026), li huwa parti mill-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "LANXESS CMIT/MIT biocidal product family". L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-KK032827-30 fir-Reġistru għall-Prodotti Bijoċidali. Il-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "LANXESS CMIT/MIT biocidal product family" ġiet awtorizzata bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2750 ([3]), bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0031652-0000.

(2) Il-prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306" fih is-CMIT/MIT (3:1) bħala s-sustanza attiva, u din hija inkluża fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tipi tal-prodott 6, 11, 12 u 13.

(3) Fid-19 ta' Lulju 2024, f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 414/2013, l-Aġenzija ssottomettiet lill-Kummissjoni l-opinjoni ([4]) tagħha u l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") ta' "Hydrocid 306".

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 414/2013 tas-6 ta' Mejju 2013 li jispeċifika proċedura għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali li huma l-istess skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 125, 7.5.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/414/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2750 tal-25 ta' Ottubru 2024 li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-familja ta' prodotti bijoċidali LANXESS CMIT/MIT biocidal product family f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/2750, 28.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2750/oj).

([4]) European Chemicals Agency opinion of 19 July 2024 on the Union authorisation of the same single biocidal product 'Hydrocid 306' (https://echa.europa.eu/opinions-on-applications-for-union-authorisation).

(4) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija tikkonkludi li d-differenzi proposti bejn il-prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306" u l-prodott bijoċidali uniku relatat "No. 06-06: Preservative 06-06", li huwa parti mill-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "LANXESS CMIT/MIT biocidal product family", huma limitati għall-informazzjoni li tista' tkun soġġetta għal bidla amministrattiva f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 ([5]), u li abbażi tal-valutazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "LANXESS CMIT/MIT biocidal product family" u soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, l-istess prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306" jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) Fit-13 ta' Diċembru 2024, l-Aġenzija bagħtet lill-Kummissjoni l-SPC rivedut ta' "Hydrocid 306" fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għalhekk tqis li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-istess prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306".

(7) Id-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni jenħtieġ li tkun allinjata mad-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni tal-familja ta' prodotti bijoċidali ta' referenza relatata "LANXESS CMIT/MIT biocidal product family".

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru EU-0032997-0000 lil Hydro-X għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-istess prodott bijoċidali uniku "Hydrocid 306", f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbilit fl-Anness.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mill-15 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Ottubru 2034.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2013 tat-18 ta' April 2013 dwar bidliet tal-prodotti bijoċidali awtorizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 109, 19.4.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2013/354/oj).

ANNESS

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT GĦAL PRODOTT BIJOĊIDALI

Hydrocid 306

Tip(i) ta' prodott

PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin

PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi

PT12: Slimiċidi

PT13: Preżervattivi għal fluwidi li jintużaw għall-ħdim jew għall-qtugħ

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0032997-0000

Numru tal-assi R4BP: EU-0032997-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem/ismijiet kummerċjali tal-prodott**

Isem/Ismijiet kummerċjali	Hydrocid 306

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	Hydro-X
	Indirizz	Tylstrupvej 50 9320 Hjallerup DK
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0032997-0000	
Numru tal-assi R4BP	EU-0032997-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Il-15 ta' Ġunju 2025	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-31 ta' Ottubru 2034	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

Isem tal-manifattur	Lanxess Deutschland GmbH, BU Material Protection Products
Indirizz tal-manifattur	Kennedyplatz 1, 50569 Keulen, il-Ġermanja
Post ta' siti ta' manifattura	Lanxess Deutschland GmbH, BU Material Protection Products site 1 Rheinuferstraße 7-9, 47829 Krefeld, il-Ġermanja

Isem tal-manifattur	Lanxess Pte. Ltd.
Indirizz tal-manifattur	16, Joo Koon Crescent, 629018 Singapore, Singapore

Post ta' siti ta' manifattura	Lanxess Pte. Ltd. site 1 16, Joo Koon Crescent, 629018 Singapore, Singapore

Isem tal-manifattur	LANXESS Chemical (China) Co., Ltd
Indirizz tal-manifattur	No. 318, Huanghai Road, 213127 Xinbei District, Changzhou, Jiangsu Province, iċ-Ċina
Post ta' siti ta' manifattura	LANXESS Chemical (China) Co., Ltd site 1 No. 318, Huanghai Road, 213127 Xinbei District, Changzhou, Jiangsu Province, iċ-Ċina

Isem tal-manifattur	LANXESS Corporation
Indirizz tal-manifattur	Neville Island, 3499 Grand Avenue, 15225 Pittsburgh, PA l-Istati Uniti
Post ta' siti ta' manifattura	LANXESS Corporation site 1 Neville Island, 3499 Grand Avenue, 15225 Pittsburgh, PA l-Istati Uniti

Isem tal-manifattur	LANXESS India Pvt. Ltd.
Indirizz tal-manifattur	Jhagadia Industrial Estate, Plot No 748/2/A, GIDC 393110 District Bharuch, Jhagadia, l-Indja
Post ta' siti ta' manifattura	LANXESS India Pvt. Ltd. site 1 Plot No 748/2/A, GIDC 393110 District Bharuch, Jhagadia, l-Indja

Isem tal-manifattur	Vera Chimie Productions
Indirizz tal-manifattur	Zone Industrielle du Broteau, 2 rue du Broteau, 69540 Irigny, Franza
Post ta' siti ta' manifattura	Vera Chimie Productions site 1 Zone Industrielle du Broteau, 2 rue du Broteau, 69540 Irigny, Franza

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Taħlita ta' 5-Kloro-2-metil-2H-iżotijażol-3-on (EINECS 247-500-7) u 2-metil-2H-iżotijażol-3-on (EINECS 220-239-6) (Taħlita ta' CMIT/MIT)
Isem tal-manifattur	Dalian Bio-Chem Co., Ltd.
Indirizz tal-manifattur	10F, R&F Center, No. 6 Gangxing Road, Zhongshan District, 116001 Dalian, iċ-Ċina

Post ta' siti ta' manifattura	Dalian Bio-Chem Co., Ltd. site 1 Dalian Songmudao Chemical Industry Zone, Puwan New District, 116308 Dalian, Liaoning, iċ-Ċina

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru EC	Kontenut (%)
Taħlita ta' 5-Kloro-2-metil-2H-iżotijażol-3-on (EINECS 247-500-7) u 2-metil-2H-iżotijażol-3-on (EINECS 220-239-6) (Taħlita ta' CMIT/MIT)		sustanza attiva	55965-84-9		2,5 % (w/w)

2.2. **Tip(i) ta' formulazzjoni**

AL Kwalunkwe likwidu ieħor

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U TA' PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet ta' periklu	H314: Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn. H317: Jista' jikkawża reazzjoni allerġika tal-ġilda. H410: Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. EUH071: Korrużiv għas-sistema respiratorja.
Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni	P272: Ilbies tax-xogħol kontaminat ma għandux jitħalla joħroġ mill-post tax-xogħol. P273: Evita r-rilaxx fl-ambjent. P280: Ilbes ingwanti protettivi. P280: Ilbes ilbies protettiv. P280: Ilbes protezzjoni għall-għajnejn. P280: Ilbes protezzjoni għall-wiċċ. P301 + P330 + P331: JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar. P310: Ikkuntattja immedjatament tabib. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT. P303 + P361 + P353: JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew fuq ix-xagħar): Neħħi minnufih l-ilbies kontaminat kollu. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma [jew bix-xawer]. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT. P310: Ikkuntattja immedjatament tabib.

	P305 + P351 + P338: JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli sabiex tneħħihom. Kompli laħlaħ. P310: Ikkuntattja immedjatament ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT. P310: Ikkuntattja immedjatament tabib. P362 + P364: Neħħi l-ħwejjeġ kontaminati u aħsilhom qabel ma terġa' tużahom. P405: Aħżen f'post imsakkar. P501: Armi l-kontenut fi skond ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali kollha. P501: Armi l-kontenitur fi skond ir-regolamenti lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali kollha. P391: Iġbor it-tixrid.

4. **UŻU/I AWTORIZZATI**

4.1. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 1

Preservazzjoni fil-bott tal-fluwidi tal-ħasil u tat-tindif (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fluwidi tal-ħasil u tat-tindif
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 261–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta b'tali mod li tinżamm konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 3,7 sa inqas minn 15-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika

Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.1.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.1.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.1.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.1.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.2. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 2

Preservazzjoni fil-bott taż-żebgħa u l-kisi (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Żebgħa u kisi
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 782–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 11.1 sa 15-il ppm. Il-prodotti finali li jintużaw mill-pubbliku ġenerali għandu jkun fihom inqas minn 15-il ppm ta' ingredjent attiv. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.2.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.2.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.2.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.2.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.2.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.3. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 3

Preservazzjoni fil-bott tal-fluwidi użati fil-produzzjoni tal-karta (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fluwidi użati fil-produzzjoni tal-karta (eż. sospensjonijiet magħquda tal-pigment)
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 521–3 000 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 7.4 sa 30-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.3.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.3.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.3.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.3.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.3.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.4. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 4

Preservazzjoni fil-bott tal-fluwidi użati fil-produzzjoni tat-tessuti (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fluwidi użati fil-produzzjoni tat-tessuti
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 261–3 000 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 3,7 sa 30-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.4.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.4.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.4.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.4.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.4.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.5. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 5

Preservazzjoni fil-bott tal-fluwidi użati fil-produzzjoni tal-ġilda (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Fluwidi użati fil-produzzjoni tal-ġildai
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 521–3 000 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 7.4 sa 30-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.5.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.5.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.5.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.5.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.5.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.6. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 6

Preservazzjoni fil-bott tal-kolla u l-adeżivi (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Kolla u adeżivi
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 261–3 000 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 3,7 sa 30-il ppm. Il-prodotti finali li jintużaw mill-pubbliku ġenerali għandu jkun fihom inqas minn 15-il ppm ta' ingredjent attiv. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.6.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.6.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.6.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.6.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.6.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.7. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 7

Preservazzjoni fil-bott ta' oħrajn (addittivi tal-konkrit u materjal tal-bini bħal fillers/siġillanti, ġibs u emulsjonijiet tax-xama') (PT 6) għall-użu fuq ġewwa

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Oħrajn (addittivi tal-konkrit u materjal tal-bini bħal fillers/siġillanti, ġibs u emulsjonijiet tax-xama') maħsuba għall-użu fuq ġewwa.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 521–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 7,4 sa 15-il ppm. Il-prodotti finali li jintużaw mill-pubbliku ġenerali għandu jkun fihom inqas minn 15-il ppm ta' ingredjent attiv.

	Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.7.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.7.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.7.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.7.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.7.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.8. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 8

Preservazzjoni fil-bott ta' oħrajn (dispersjonijiet/emulsjonijiet tal-polimeru maħsuba għall-użu fiż-żebgħa u l-kisi, il-kolla u l-adeżivi, il-materjali tal-bini u l-fluwidi użati fil-produzzjoni tat-tessuti u prodotti għall-protezzjoni tal-impjant) (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Oħrajn (dispersjonijiet/emulsjonijiet tal-polimeru maħsuba għall-użu fiż-żebgħa u l-kisi, kolla u adeżivi, materjali tal-bini u fluwidi użati fil-produzzjoni tat-tessuti u prodotti għall-protezzjoni tal-impjant). L-għan tal-applikazzjoni huwa l-preservazzjoni ta' taħlitiet ta' polimeri li jintużaw b'mod konsekuttiv għall-formulazzjoni ta' żebgħa, kolla u matriċi ulterjuri (koperti minn PT 6).
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 261–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 3,7 sa 15-il ppm. Il-prodotti finali li jintużaw mill-pubbliku ġenerali għandu jkun fihom inqas minn 15-il ppm ta' ingredjent attiv. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.8.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.8.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.8.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.8.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.8.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.9. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 9

Preservazzjoni fil-bott ta' oħrajn (sospensjonijiet magħquda minerali) (PT 6)

Tip ta' prodott	PT06: Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Oħrajn (sospensjonijiet magħquda minerali), eż. sospensjonijiet magħquda $CaCO_3$ kif użati pereżempju fl-industrija tal-karta u fergħat industrijali oħra.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ manwali u awtomatiku Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta. Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat fir-reċipjent tat-taħlit matul il-produzzjoni tas-sistema fuq l-ilma, normalment bħala l-aħħar ingredjent.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 104–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 1.48 sa 15-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika
Kategorija/i ta' utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.9.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.9.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.9.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

-

4.9.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.9.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.10. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 10

Preservazzjoni ta' fluwidi tat-tkessiħ f'sistemi ta' riċirkolazzjoni miftuħa (PT11)

Tip ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: alka Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: leġjonella Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Stazzjonijiet tad-dożaġġ jistgħu jitqiegħdu fuq barra (imsaqqfa jew f'kontenitur). (a) Fluwid f'sistemi ta' tkessiħ ta' likwidu li jiċċirkolaw mill-ġdid miftuħa bi skarika fid-drenaġġ muniċipali (preventiv). (b) Għal trattament kurattiv fiċ-ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ diġà affettwati.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat direttament fis-sistema li għandha tiġi protetta. Is-soluzzjonijiet tal-prodott bijoċidali huma ddożati awtomatikament fl-ilma taċ-ċirkwit waqt il-fluss.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: (a) Preventiva: 51,8–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Għal trattament preventiv f'ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li twassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 0.735 sa 15-il ppm. (b) Kurattiv: 309,9–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Għal trattament kurattiv fiċ-ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li twassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 4.4 sa 15-il ppm.

	Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: (a) Preventiv: L-għadd ta' żidiet kull ġimgħa jiddependi fuq l-istat tal-unità li tkun qed tiġi ttrattata. (b) Kurattiv: 2–3 darbiet fil-ġimgħa sakemm tintlaħaq kontaminazzjoni mikrobika aċċettabbli. Kontaminazzjoni mikrobika aċċettabbli u l-kejl tagħha għandhom ikunu konformi mas-"sistema ta' ġestjoni tal-iġjene" tal-utenti fis-seħħ. Ħin ta' kuntatt għall-użu kurattiv kontra l-batterji (inkluż il-legionella), il-fungi u l-ħmira 24 siegħa, kontra l-alka 48 siegħa.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.10.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.10.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

L-użu huwa ristrett għal sistemi ta' tkessiħ żgħar bi blowdown massima ta' 2 m^3/h. L-ilma mormi għandu jintrema fid-drenaġġ muniċipali jew jiġi ppurifikat f'impjant tat-trattament tad-drenaġġ industrijali fuq il-post inkluż pass ta' trattament bijoloġiku. Il-prodott jista' jiġi applikat biss meta t-torrijiet tat-tkessiħ ikunu mgħammra b'eliminaturi tad-drift li jnaqqsu d-drift b'mill-inqas 99 %.

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.10.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.10.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.10.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.11. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 11

Preservazzjoni ta' fluwidi tat-tkessiħ f'sistemi magħluqa (PT 11)

Tip ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—

Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: alka Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: leġjonella Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Stazzjonijiet tad-dożaġġ jistgħu jitqiegħdu fuq barra (imsaqqfa jew f'kontenitur). (a) Fluwid f'sistemi ta' tkessiħ ta' likwidu li jiċċirkolaw mill-ġdid magħluqa bi skariku fid-drenaġġ muniċipali (preventiv). (b) Għal trattament kurattiv fiċ-ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ diġà affettwati.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat direttament fis-sistema li għandha tiġi protetta. Is-soluzzjonijiet tal-prodott bijoċidali huma ddożati awtomatikament fl-ilma taċ-ċirkwit waqt il-fluss.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: (a) Preventiva: 51,8–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Għal trattament preventiv kontra l-batterji (inkluż il-legionella), il-fungi u l-ħmira f'ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 0.735 sa 15-il ppm, għall-alka għandha tintuża konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 1.42 sa 15-il ppm. (b) Kurattiv: 309,9–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Għal trattament kurattiv fiċ-ċirkwiti tal-ilma tat-tkessiħ, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li twassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 4.4 sa 15-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: (a) Preventiv: L-għadd ta' żidiet kull ġimgħa jiddependi fuq l-istat tal-unità li tkun qed tiġi ttrattata. (b) Kurattiv: 2–3 darbiet fil-ġimgħa sakemm tintlaħaq kontaminazzjoni mikrobika aċċettabbli. Kontaminazzjoni mikrobika aċċettabbli u l-kejl tagħha għandhom ikunu konformi mas-"sistema ta' ġestjoni tal-iġjene" tal-utenti fis-seħħ. Ħin ta' kuntatt għall-użu kurattiv kontra l-batterji (inkluż il-legionella), il-fungi u l-ħmira 24 siegħa, kontra l-alka 48 siegħa.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali

Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.11.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.11.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.11.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.11.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.11.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.12. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 12

Preservazzjoni ta' likwidi oħra f'eż. sistemi tal-arja kundizzjonata, ħasil tal-arja u pasturizzaturi (PT 11)

Tip ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: alka Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: leġjonella Istadju iżvilupp:

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Stazzjonijiet tad-dożaġġ jistgħu jitqiegħdu fuq barra (imsaqqfa jew f'kontenitur). Biex tipproteġi l-ilma u likwidi oħra fis-sistemi tal-arja kundizzjonata, il-ħasil tal-arja, l-umidifikaturi, il-kondensaturi li jevaporaw, il-bexxiexi stazzjonarji, is-sistemi tat-tifi tan-nar bl-isprej tal-ilma u l-pasturizzaturi mit-tkabbir mikrobiku.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat direttament fis-sistema li għandha tiġi protetta. Is-soluzzjonijiet tal-prodott bijoċidali huma ddożati awtomatikament fl-ilma taċ-ċirkwit waqt il-fluss.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: (a) Preventiva: 51,8–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat f'likwidi użati f'sistemi tal-arja kundizzjonata, ħasil tal-arja, umidifikaturi, kondensaturi tal-evaporazzjoni, sistemi tal-membrana, bexxiexa stazzjonarja, sistemi tat-tifi tan-nar bl-isprej tal-ilma u pasturizzaturi li għandhom jiġu protetti li jwasslu għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 0.735 sa 15-il ppm għal trattament preventiv kontra l-batterji (inkluża l-legionella), fungi u ħmira, għal trattament preventiv kontra l-alka għandha tintuża konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 1.42 sa 15-il ppm. (b) Kurattiv: 309,9–1 500 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Għat-trattament kurattiv għandha tintuża konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 4.4 sa 15-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika jew multipla (l-għadd ta' żidiet jiddependi mill-istat tal-unità li tkun qed tiġi ttrattata). Ħin ta' kuntatt għall-użu kurattiv kontra l-batterji (inkluż il-legionella), il-fungi u l-ħmira 24 siegħa, kontra l-alka 48 siegħa.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.12.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.12.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.12.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.12.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.12.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.13. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 13

Preservazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-modulu tal-membrana (PT 11)

Tip ta' prodott	PT11: Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Soluzzjonijiet tal-modulu tal-membrana. Konservazzjoni / Preservazzjoni tal-ilma f'unitajiet tal-membrana użati fil-preparazzjoni ta' trattament minn qabel tal-ilma waqt l-għeluq tal-produzzjoni wara t-tindif. Il-bijoċidi jiġu applikati għall-preservazzjoni ta' fluwidi tal-proċess użati għal unitajiet/sistemi ta' membrana mhux tal-ikel (eż. osmożi inversa u membrani ta' ultrafiltrazzjoni), li jintużaw b'mod wiesa' fil-preparazzjoni ta' trattament minn qabel tal-ilma (mhux tal-ikel, ilma mhux tajjeb għax-xorb, mhux mediku). L-unitajiet tal-membrana jintużaw f'industriji differenti (ilma mormi, teknoloġiji tal-wiċċ, desalinizzazzjoni tal-ilma baħar, eċċ.). Dawn is-sistemi qed jerġgħu jiċċirkolaw.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat direttament fis-sistema li għandha tiġi protetta. Is-soluzzjonijiet tal-prodott bijoċidali huma ddożati awtomatikament fl-ilma taċ-ċirkwit waqt il-fluss.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 725,4–1 700 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta, li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 10,3 sa 17-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: Applikazzjoni unika jew multipla (l-għadd ta' żidiet jiddependi mill-istat tal-unità li tkun qed tiġi ttrattata).

Kategorija/i ta' utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.13.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Matul l-għeluq tal-produzzjoni, huwa rrakkomandat li tittieħed azzjoni kontra t-tkabbir mikrobijoloġiku ġewwa l-elementi tal-membrana. Qabel l-għeluq, l-impjant irid l-ewwel jitnaddaf, biex jitneħħew id-depożiti kollha bħall-karbonati, l-imluħa, is-silika, il-materja organika jew il-bijomassa. Għal dan il-għan, jintużaw prodotti għat-tindif tal-membrana speċjalizzati. Wara t-tindif, l-impjant jitlaħlaħ b'ilma permeat ta' kwalità sakemm jinkiseb pH newtrali. Huwa biss wara dawn il-passi tat-tindif li CMIT/MIT li fihom l-ilma se jasal fl-impjant u jiġi ċċirkolat regolarment permezz ta' ppumpjar bil-mod. Il-prodott bijoċidali għandu jiżdied mal-ilma tal-mimli (kwalità permeata), biex jiġi evitat it-tkabbir mikrobijoloġiku matul għeluq itwal. Matul għeluq itwal, l-ilma tal-mimli għandu jiġi ċċirkolat regolarment permezz ta' ppumpjar bil-mod u jittieħed kampjun tiegħu biex jiġi ċċekkjat għal kontaminazzjoni mikrobijoloġika mill-ġdid. Bidla fil-pH tista' tkun l-ewwel indikazzjoni ta' kontaminazzjoni mill-ġdid permezz tal-mikrobijoloġija. F'dan il-każ is-soluzzjoni ta' mili għandha tiġi sostitwita.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-prodott li miegħu jiżdied il-preservattiv. Għalhekk, l-utent għandu jiddetermina r-rekwiżiti tad-dożaġġ biex tiġi ppreservata l-matriċi/is-sistema speċifika tiegħu. Għandha tintuża l-inqas doża effettiva.

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.13.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.13.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.13.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.13.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.14. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 14

Preservazzjoni ta' ċirkwiti tal-ilma abjad (ċirkolazzjoni qasira) fl-industrija tal-karta (PT 12)

Tip ta' prodott	PT12: Slimiċidi
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —

Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Preservazzjoni ta' ċirkwiti tal-ilma abjad (ċirkolazzjoni qasira) fl-industrija tal-karta. (a) Biex tipproteġi ċ-ċirkwiti tal-ilma abjad (ċirkolazzjoni qasira) f'magni tal-karti (preventiv) kontra l-batterji. (b) Għal trattament kurattiv ta' ċirkwiti tal-ilma abjad (ċirkolazzjoni qasira) f'magni tal-karti diġà affettwati kontra l-batterji u l-fungi. L-għan tal-applikazzjoni huwa li tipprevjeni jew tiġġieled il-formazzjoni ta' tajn fuq il-pajpijiet, u l-uċuħ tal-materjali u t-tagħmir fil-qasam tal-karti.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema (Xokk / Dożaġġ kontinwu). Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiġi ddożat direttament fis-sistema li għandha tiġi protetta (Xokk / Dożaġġ kontinwu). Is-soluzzjonijiet tal-prodott bijoċidali jiżdiedu awtomatikament permezz ta' pompa tad-dożaġġ u pajpijiet direttament fiċ-ċirkwit (head box, kaxxa għat-taħlit, fossa tal-ġbir, broke, eċċ.), f'dożaġġ intermittenti jew ta' xokk.
Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: (a) Preventiv: 52,15–1 500 mg prodott/kg matriċi li trid tiġi ppreservata (dipendenti ħafna fuq is-sistema attwali li qed tiġi ttrattata). Għal trattament preventiv (manutenzjoni) f'ċirkwiti tal-ilma abjad, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li twassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 0.74 sa 15-il ppm. Dan jirreferi għal massimu ta' 10.6 g a.i./tunnellata ta' karta. (b) Kurattiv: 517,6–1 500 mg prodott/kg matriċi li trid tiġi ppreservata (dipendenti ħafna fuq is-sistema attwali li qed tiġi ttrattata). Għal trattament kurattiv (doża ta' xokk) f'ċirkwiti tal-ilma abjad, il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li twassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 7.35–15-il ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: L-għadd ta' żidiet kull ġimgħa jiddependi fuq l-istat tal-unità li tkun qed tiġi ttrattata. Il-frekwenza ta' żieda tal-prodott bijoċidali f'dożaġġ ta' xokk hija minn 1 sa 6 darbiet kuljum. Ħin ta' kuntatt għall-użu kurattiv: 24 siegħa.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50–1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.14.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.14.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

L-applikazzjoni hija permessa biss f'fabbriki tal-karti li jikkonformaw mad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali 2010/75/UE fejn l-ilma mormi jiġi ppurifikat f'impjant industrijali tat-trattament tad-drenaġġ fuq il-post inkluż pass ta' trattament bijoloġiku skont l-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) kif preskritt fid-dokument ta' referenza BAT (BREF) għall-produzzjoni ta' polpa, karta u bord. L-effluwent għandu jiġi dilwit mill-inqas 200 darba. Il-fabbriki tal-karti li huma eżentati mid-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali għandhom jiskarikaw fid-drenaġġ muniċipali.

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.14.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.14.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.14.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

4.15. **Deskrizzjoni tal-użu**

Tabella 15

Preservazzjoni ta' likwidi użati għat-trattament jew il-qtugħ ta' metall u ħġieġ (PT 13)

Tip ta' prodott	PT13: Preżervattivi għal fluwidi li jintużaw għall-ħdim jew għall-qtugħ
Fejn rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	—
Organiżmu/i fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	Isem xjentifiku: — Isem komuni: batterji Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: ħmira Istadju iżvilupp: — Isem xjentifiku: — Isem komuni: fungi Istadju iżvilupp: —
Qasam/Oqsma ta' użu	użu fuq ġewwa Għall-użu f'likwidi użati għat-trattament jew il-qtugħ tal-metall u l-ħġieġ. L-għan tal-applikazzjoni huwa li tiġi evitata d-deterjorazzjoni tal-mikrobi kkawżata minn batterji, fungi jew ħmira.
Metodu/i ta' applikazzjoni	Metodu: Dożaġġ dirett fis-sistema Deskrizzjoni dettaljata: Il-prodott bijoċidali jiżdied mal-emulsjoni diġà ffurmata. Il-bijoċidu jiżdied b'mod mekkaniku jew kompletament awtomatizzat b'timer. Għal żieda man-naħa tat-tank, il-prodotti bijoċidali jiżdiedu ma' pompa tad-dożaġġ awtomatizzata u pajpijiet speċifiċi fil-fossa tal-ġbir fejn jgħaddu l-fluwidi tax-xogħol tal-metall. L-introduzzjoni tal-prodott trid issir taħt il-livell tal-ilma biex tippermetti taħlit rapidu u tnaqqas ir-riskju ta' esponiment għall-bijoċidi. Id-dożaġġ isir għal 30-60 minuta.

Rata/i ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta' applikazzjoni: 1 669,0–3 000 mg prodott/kg matriċi li għandha tiġi ppreservata. Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat fil-matriċi li għandha tiġi protetta li jwassal għal konċentrazzjoni pura ta' CMIT/MIT ta' 23.7 sa 30 ppm. Numru u ħin tal-applikazzjoni: Frekwenza: 1-7 darbiet fil-ġimgħa.
Kategorija/i ta' utenti	industrijali ; professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	— Flixkun (50 – 1 500 ml), HDPE, opak — Jerry can (5, 10, 20, 25, 30 u 60 litru), HDPE, opak — Bittija (206 u 220 litru), HDPE, opaka — Kontenitur intermedju għal kwantitajiet kbar (IBC) (1 000 litru), HDPE, opak

4.15.1. *Struzzjonijiet speċifiċi għall-użu sabiex jintużaw*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.15.2. *Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ara d-direzzjonijiet ġenerali għall-użu.

4.15.3. *Fejn speċifiku għall-użu, id-dettalji tal-effetti diretti jew indiretti probabbli, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent*

—

4.15.4. *Fejn speċifiku għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-imballaġġ tiegħu*

—

4.15.5. *Fejn speċifiku għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

—

5. **STRUZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU** [1]

5.1. **Struzzjonijiet għall-użu**

Istruzzjonijiet ġenerali

Testijiet preliminari biex jiddeterminaw l-adegwatezza, il-kompatibbiltà u l-aħjar konċentrazzjoni huma rakkomandati qabel l-użu tal-prodott f'applikazzjoni ġdida. Għal aktar informazzjoni teknika, ara l-folja ta' informazzjoni kurrenti dwar il-prodott valida.

It-tikketti tal-prodott jagħtu struzzjonijiet dwar kif tiddilwa l-prodott.

Informazzjoni dwar l-użu ġenerali

PT 6

Għall-preservazzjoni fil-bott ta' fluwidi tal-ħasil u t-tindif, żebgħa u kisi, fluwidi użati fil-produzzjoni tal-karta, tessuti u ġilda, kif ukoll kolla u adeżivi. Użi oħra (PT 6.7) jinkludu l-preservazzjoni fil-bott ta' addittivi u materjali tal-bini tal-konkrit (eż. fillers/siġillanti, ġibs, emulsjonijiet tax-xama'), dispersjonijiet/emulsjonijiet tal-polimeru (maħsuba għall-użu fiż-żebgħa, kisi, kolla, adeżivi, materjali tal-bini u fluwidi użati fil-produzzjoni tat-tessuti) u t-trattament ta' sospensjonijiet magħquda minerali.

Il-prodott bijoċidali għandu jiġi inkorporat b'mod omoġenju fil-matriċi li għandha tiġi protetta.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-prodott li miegħu jiżdied il-preservattiv. Għalhekk, l-utent għandu jiddetermina r-rekwiżiti tad-dożaġġ biex tiġi ppreservata l-matriċi/is-sistema speċifika tiegħu. Għandha tintuża l-inqas doża effettiva.

PT 11

Għall-użu bħala bijoċidu għall-preservazzjoni ta' fluwidi tat-tkessiħ f'sistemi ta' ċirkolazzjoni u likwidi oħra f'eż. sistemi tal-arja kundizzjonata, ħasil tal-arja u pasturizzaturi minn infestazzjoni b'organiżmi ta' ħsara bħal batterji (inkluża l-Legionella), fungi, ħmira u alka. Barra minn hekk, l-applikazzjonijiet koperti mill-PT 11 jinkludu l-preservazzjoni tas-soluzzjonijiet tal-modulu tal-membrana.

L-unitajiet ikkontaminati ħafna għandhom jitnaddfu qabel it-trattament.

Il-prodott bijoċidali jiżdied maċ-ċirkwit tal-ilma li għandu jiġi ttrattat f'punt li fih tista' tiġi żgurata distribuzzjoni rapida u uniformi tal-bijoċidu.

L-effett mikrobijoċidali jibda immedjatament wara l-kejl.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-prodott li miegħu jiżdied il-preservattiv. Għalhekk, l-utent għandu jiddetermina r-rekwiżiti tad-dożaġġ biex tiġi ppreservata l-matriċi/is-sistema speċifika tiegħu. Għandha tintuża l-inqas doża effettiva. Minħabba varjazzjoni fis-sistemi u l-matriċi differenti (tagħbija organika, kontaminazzjoni mikrobika, formazzjoni ta' tajn, temperatura, pH, eċċ.) għandu jitwettaq kejl preċiż permezz ta' testijiet kimiċi u mikrobijoloġiċi biex tiġi ddeterminata d-doża effettiva għall-post jew is-sistema speċifika.

PT 12

Għall-użu bħala bijoċidu għall-preservazzjoni ta' ċirkwiti tal-ilma abjad f'magni tal-karti. L-għan tal-applikazzjoni huwa li tipprevjeni jew tiġġieled il-formazzjoni ta' slime (kif ikkawżata mill-batterji u l-faqqiegħ) fuq il-pajpijiet u l-uċuħ tal-materjali u t-tagħmir fil-qasam tal-karti.

L-effett mikrobijoċidali jibda immedjatament wara l-kejl.

Il-prodott bijoċidali jiżdied maċ-ċirkwit tal-ilma abjad f'magni tal-karti li għandu jiġi ttrattat f'punt li fih tista' tiġi żgurata distribuzzjoni rapida u uniformi tal-bijoċidu.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-prodott li miegħu jiżdied il-preservattiv. Għalhekk, l-utent għandu jiddetermina r-rekwiżiti tad-dożaġġ biex tiġi ppreservata l-matriċi/is-sistema speċifika tiegħu. Għandha tintuża l-inqas doża effettiva.

PT 13

Għall-użu bħala aġent protettiv f'likwidi użati għat-trattament jew il-qtugħ tal-metall u l-ħġieġ. L-għan tal-applikazzjoni huwa li tiġi evitata d-deterjorazzjoni tal-mikrobi kkawżata minn batterji, fungi jew ħmira.

Il-prodott bijoċidali lest għall-użu, mingħajr dilwizzjoni jew formulazzjoni preċedenti, jiġi applikat direttament fiċ-ċiklu tal-fluwidu tax-xogħol tal-metall lest biex jintuża biex jikkontrolla d-deterjorazzjoni tal-mikrobi u biex iżomm il-funzjoni korretta tal-fluwidu tax-xogħol tal-metall.

L-effett mikrobijoċidali jibda immedjatament wara l-kejl.

Il-prodott bijoċidali jiżdied maċ-ċirkwit tax-xogħol tal-metall li għandu jiġi ttrattat f'punt li fih tista' tiġi żgurata distribuzzjoni rapida u uniformi tal-bijoċidu.

Id-doża tiddependi ħafna fuq il-formulazzjoni u l-użu maħsub tal-prodott li miegħu jiżdied il-preservattiv. Għalhekk, l-utent għandu jiddetermina r-rekwiżiti tad-dożaġġ biex tiġi ppreservata l-matriċi/is-sistema speċifika tiegħu. Għandha tintuża l-inqas doża effettiva.

5.2. **Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji**

Preferibbilment it-tagħmir għandu jitnaddaf bl-ilma. Iddilwa l-ilma tat-tlaħliħ biżżejjed qabel ir-rimi permezz ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi.

Dawwar biss l-arja mormija fl-atmosfera permezz ta' separaturi jew tagħmir tat-tisfija xieraq. M'hemmx bżonn ta' miżuri speċjali ta' protezzjoni kontra nirien jew kontra splużjonijiet.

Tagħmir tal-Protezzjoni Personali meħtieġ huwa deskritt fl-Iskeda tad-Data tas-Sigurtà.

Ilbes ingwanti protettivi (EN 374) u ġagaga (Ilbies protettiv kontra kimiki tat-tip 6 (eż. EN 13034)) waqt l-immaniġġjar tal-prodott.

Ilbes protezzjoni għall-għajnejn jew għall-wiċċ (gogils kontra t-titjir jew ilqugħ tal-wiċċ rakkomandati, ISO 16321) waqt l-immaniġġjar tal-prodott.

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiki (EN 374) u ġagaga protettiva (mill-inqas tat-tip 6, EN 13034) li hija impermeabbli għall-prodott bijoċidali waqt l-immaniġġjar, l-applikazzjoni u wara l-applikazzjoni tal-prodott fil-każ ta' konċentrazzjonijiet C(M)IT/MIT ≥ 15-il ppm.

5.3. **Dettalji tal-effetti diretti jew indiretti, struzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ambjent**

Miżuri tal-ewwel għajnuna

JEKK JINBELA': Laħlaħ il-ħalq minnufih. Agħti xi ħaġa x'tixrob, jekk il-persuna esposta tkun tista' tibla'. TIPPROVOKAX ir-remettar. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Oħroġ għall-arja friska u żomm f'pożizzjoni komda u mistrieħa biex tieħu n-nifs.

Jekk ikun hemm sintomi: Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

Jekk ikun hemm sintomi: Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT għal għajnuna medika.

Jekk fuq IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda minnufih b'ħafna ilma. Imbagħad neħħi l-ħwejjeġ kontaminati kollha u aħsilhom qabel l-użu mill-ġdid. Kompli aħsel il-ġilda bl-ilma u kompli laħlaħ għal 15-il minuta. Ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ immedjatament bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikunu preżenti u jekk faċli tneħħihom. Kompli laħlaħ għal mill-inqas 15-il minuta. Ċempel 112/ambulanza għal għajnuna medika.

Riskji ambjentali partikolari

Il-kontenituri tal-prodott għandhom jiġu mmaniġġjati, maħżuna u ttrasportati b'attenzjoni biex tiġi evitata ħsara lill-kontenituri u tnixxija tal-prodott fil-ħamrija, l-arja u l-ilma. Il-prodott bijoċidali huwa ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi. Il-prodott huwa bijodegradabbli wara d-dilwizzjoni.

5.4. **Struzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u tal-imballaġġ tiegħu**

Informazzjoni dwar ir-rimi

Iċċekkja jekk l-użu mill-ġdid huwiex possibbli. Ippakkja jew issiġilla l-iskart tal-prodott u l-kontenituri vojta kkontaminati, it-tikketta, u r-rimi skont l-atti tar-rimi tal-iskart.

Fil-każ ta' ammonti akbar, iddiskuti mal-fornitur. Ir-riċevitur tal-kontenituri vojta kkontaminati għandu jiġi infurmat dwar ir-riskji possibbli minħabba r-residwi tal-prodott. Fil-każ ta' rimi fl-UE, uża l-kodiċi tal-iskart validu rispettiv skont il-Katalgu ta' Skart Ewropew (EWC). Il-produttur tal-iskart huwa responsabbli biex jassenja kodiċijiet tal-iskart speċifiċi għas-settur u għall-proċess tal-iskart tiegħu skont il-Katalgu ta' Skart Ewropew.

5.5. **Il-kundizzjonijiet tal-ħżin tal-prodott u kemm dan idum tajjeb qabel ma jinfetaħ taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żmien kemm idum tajjeb: 12-il xahar.

Aħżen f'kontenituri oriġinali ssiġillati sew. Ipproteġi mill-ġlata.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Fir-rigward tal-"Kategorija (i) tal-utenti" innota: "Professjonisti (inklużi utenti industrijali) tfisser professjonisti mħarrġa jekk dan huwa meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Ġestjoni tar-reżistenza għall-applikazzjonijiet maħsuba (PT 11, 12, 13):

— evitar ta' dożaġġ insuffiċjenti;

— detezzjoni frekwenti tal-effikaċja u tal-kontenut ta' bijoċidi fis-sistemi industrijali biex tiġi żgurata ż-żamma ta' konċentrazzjoni korretta ta' CMIT/MIT;

— għal applikazzjonijiet ġodda, huma rrakkomandati ħafna testijiet preliminari biex jiddeterminaw l-adegwatezza, il-kompatibbiltà u l-aħjar konċentrazzjoni tal-applikazzjoni;

— taħt kundizzjonijiet diffiċli alternazzjoni ta' ingredjenti attivi, jiġifieri rotazzjoni ma' bijoċidi oħra, kombinazzjoni ma' prodotti oħra tista' wkoll tkun utli.

Titoli sħaħ ta' standards EN u leġiżlazzjoni msemmija fit-taqsima 5.2:

EN ISO 374 — Ingwanti protettivi kontra sustanzi kimiċi u mikroorganiżmi

EN ISO 13034 — Ilbies protettiv kontra kimiċi likwidi — Rekwiżiti ta' operat għal ilbies li jipproteġi minn kimiċi li joffri operat protettiv limitat kontra kimiċi likwidi (tagħmir tat-Tip 6 u Tip PB [6])

(1) L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħra għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.